MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 273/2003

**Blye Engineering Company Limited**

**Vs**

**Philip Borg Bellanti u Joe Fenech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm1,380.00c (elf tlett mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti tlett (3) kambjali ta' Lm460.00c (erba' mija u sittin lira Maltin)-il wahda li skadew rispettivament fl-1 ta' Lulju, fl-1 t'Awissu u fl-1 ta' Settembru 2002, oltre l-imghax mid-data ta' kull kambjala u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Ra n-nota pprezentata fit-28 ta’ Gunju, 2004 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet il-kawza fil-konfront ta’ Philip Borg Bellanti u, stante s-solidarjeta’ bejn il-konvenuti (ai termini tal-Art. 168 tal-Kodici tal-Kummerc), zammet ferm fil-konfront tal-konvenut l-iehor Joe Fenech.

Ra li permezz ta’ l-istess nota s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghal Lm1,157.42c (elf mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) stante l-hlas ta’ Lm222.58c (mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) fil-mori tal-kawza (oltre l-imghax kummercjali).

Ra li l-konvenut Joe Fenech baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Louis Vella jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut Joe Fenech ihallas Lm1,157.42c (elf mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------